# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 18 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 269/01**

**Numru 34**

**Blye Engineering Co. Ltd**

**vs**

**Lawrence Catania**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' hames mija sebgha u ghoxrin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm527.96) ta' diversi oggetti lill-konvenut mibjugha u kkonsenjati skond il-fatturi esebiti mal-avviz bhala Dok A sa E u l-"statement of account" (Dok F).

Bl-imghax legali mid-data tal-kull fattura u bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti minn fol 2 sa fol 7 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm527.96,0 bl-imghax legali mit-tlieta (3) ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

J Borg
Dep.Reg